



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 17 ta' Settembru 2021
(OR. en)

11955/21

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0292(NLE)

PECHE 312

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	17 ta' Settembru 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 548 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-KUNSILL li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed għall-2022

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 548 final.

Mehmuż: COM(2021) 548 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 17.9.2021
COM(2021) 548 final

2021/0292 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed għall-2022

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet u objettivi tal-proposta**

Ir-Regolament Bażiku tal-PKS (Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013) għandu l-għan li jiżgura li r-riżorsi akkwatiċi ħajjin jiġu sfruttati taħt kundizzjonijiet ekonomiċi, ambjentali u soċjali sostenibbli. Għodda importanti f'dan ir-rigward hija l-istabbiliment annwali tal-opportunitajiet tas-sajd. Ir-Regolamenti kollha dwar l-opportunitajiet tas-sajd għandhom jillimitaw il-ħsad tal-istokkijiet tal-ħut għal livelli konsistenti mal-objettivi kumplessivi tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS).

L-objettiv ta' din il-proposta huwa li tistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed.

Wara li ġie adottat u daħal fis-seħħ il-pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-Punent tal-Mediterran, din il-proposta tistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-Istati Membri kkonċernati (jiġifieri Spanja, Franza u l-Italja), mogħtija f'termini tal-isforz tas-sajd massimu permissibbli.

Din il-proposta tistabbilixxi wkoll l-opportunitajiet tas-sajd skont il-ftehimiet li ntlaħqu fil-qafas tal-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran (GFCM), li hija organizzazzjoni reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd responsabbli għall-konservazzjoni u għall-ġestjoni tar-riżorsi ħajjin tal-baħar fil-Mediterran u fil-Baħar l-Iswed. L-Unjoni Ewropea hija membru tal-GFCM flimkien mal-Bulgarija, mal-Kroazja, ma' Ċipru, ma' Franza, mal-Greċja, mal-Italja, ma' Malta, mar-Rumanija, mas-Slovenja u ma' Spanja. Il-miżuri adottati fil-qafas tal-GFCM huma vinkolanti fuq il-membri tagħha.

Fl-aħħar nett, din il-proposta tistabbilixxi kwota awtonoma għal-laċċa kaħla fil-Baħar l-Iswed sabiex ma jiżdiedx il-livell attwali ta' mortalità mis-sajd. Din tittrasponi wkoll il-qabdiet totali permissibbli (TAC) u l-kwoti għall-barbun imperjali, kif stabbiliti mill-GFCM.

L-objettiv aħħari huwa li jintlaħqu l-livelli tal-istokkijiet li jkunu jistgħu jwasslu għar-rendiment massimu sostenibbli (MSY) u jżommhom 'il fuq. Dan l-objettiv huwa stabbilit b'mod ċar fir-Regolament Bażiku tal-PKS, fejn l-Artikolu 2(2) tiegħu jiddikjara li dan "għandu jintlaħaq sal-2015 fejn possibbli, u [...] sa mhux aktar tard mill-2020 għall-istokkijiet kollha". Dan jirrifletti l-impenn li ħadet l-Unjoni b'rabta mal-konklużjonijiet tas-Summit Dinji dwar l-Iżvilupp Sostenibbli li sar fl-2002 f'Johannesburg u mal-Pjan ta' Implimentazzjoni tiegħu. Min-naħa l-oħra, il-pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-Punent tal-Mediterran huma maħsubin biex jiksbu mortalità mis-sajd fil-livell tal-MSY fuq bażi progressiva u inkrementali sal-2020 fejn possibbli, u sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2025.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Il-miżuri proposti huma mfasslin f'konformità mal-objettivi u r-regoli tal-PKS.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-miżuri proposti huma konsistenti mal-politika tal-Unjoni dwar l-iżvilupp sostenibbli.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika ta' din il-proposta hija l-Artikolu 43(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-proposta hija fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni kif imsemmi fl-Artikolu 3(1)(d) tat-TFUE. Għaldaqstant, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità minħabba li l-PKS hija politika komuni. L-Artikolu 43(3) tat-TFUE jeħtieġ li l-Kunsill jadotta l-miżuri dwar l-iffissar u l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd.

Ir-Regolament propost jalloka l-opportunitajiet tas-sajd lill-Istati Membri. Skont l-Artikoli 16 u 17 tar-Regolament Bażiku tal-PKS, l-Istati Membri huma ħielsa jallokaw dawn l-opportunitajiet fost il-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom skont kif jidhrilhom li jkun xieraq. Għaldaqstant, għandhom diskrezzjoni wiesgħa dwar deċiżjonijiet fir-rigward tal-esplorazzjoni tal-opportunitajiet f'konformità mal-mudelli soċjali u ekonomiċi tagħhom.

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni finanzjarja ġdida għall-Istati Membri.

- **Għażla tal-istrument**

L-istrument propost huwa Regolament tal-Kunsill.

Din hija proposta għall-ġestjoni tas-sajd abbażi tal-Artikolu 43(3) tat-TFUE u f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-partijiet ikkonċernati ġew ikkonsultati permezz tal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill *Lejn sajd aktar sostenibbli fl-UE: is-sitwazzjoni attwali u l-orjentazzjonijiet għall-2022*.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Il-valutazzjoni tal-istat tal-istokkijiet fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed hija bbażata fuq l-iktar ħidma riċenti tal-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd, tal-Kumitat Xjentifiku Konsultattiv tal-GFCM dwar is-Sajd u tal-Grupp ta' Ħidma tal-GFCM dwar il-Baħar l-Iswed.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

L-Artikolu 43(3) tat-TFUE jillimita l-kamp ta' applikazzjoni tar-regolamenti dwar l-opportunitajiet tas-sajd.

Il-proposta tal-Kummissjoni għar-Regolament Bażiku tal-PKS u għall-pjan pluriennali għas-sajd għall-ħut tal-qiegħ fil-Punent tal-Mediterran ġew żviluppati, kif xieraq, abbażi ta' valutazzjonijiet tal-impatt. Wieħed mill-istrumenti ewlenin biex jinkisbu l-oġettivi stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament Bażiku tal-PKS huwa li jiġu stabbiliti opportunitajiet tas-sajd. Il-pjan pluriennali introduċa reġim tal-isforz tas-sajd biex jindirizza l-problema tas-sajd żejjed li hemm fis-sajd għall-ħut tal-qiegħ fil-Punent tal-Mediterran.

Fir-rigward tal-opportunitajiet tas-sajd stabbiliti mill-GFCM għall-Baħar Mediterran u għall-Baħar l-Iswed, essenzjalment din il-proposta timplimenta miżuri miftehma fuq livell internazzjonali. Kull element li jista' jkun rilevanti għall-valutazzjoni tal-impatti li l-opportunitajiet tas-sajd jista' jkollhom jiġi ttrattat meta jkunu qed jitħejjew in-negożjati internazzjonali li matulhom ikun se jintlaħaq qbil mal-pajjiżi terzi dwar l-opportunitajiet tas-sajd tal-Unjoni u meta jkunu qed isiru dawn in-negożjati.

Il-proposta ma tirriflettix biss tħassib għall-futur qarib, iżda wkoll approċċ iktar fit-tul li, permezz tiegħu, l-isforz tas-sajd jiġi adattat bil-mod il-mod għal livelli li jkunu sostenibbli fit-tul.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli.

- **Drittijiet fundamentali**

Mhux applikabbli.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni baġitarja.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Din il-proposta se tiġi implimentata f'konformità mar-regoli tal-PKS. Il-monitoraġġ u l-konformità se jiġu żgurati f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhux applikabbli.

- **Spjegazzjoni fid-dettal tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Il-proposta tistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2022 għal ċerti stokkijiet jew ċerti gruppi ta' stokkijiet fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed, partikolarment:

1. ir-reġim tal-isforz tas-sajd għall-bastimenti tat-tkarkir li jkunu qed jisfruttaw l-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-Punent tal-Mediterran. Fil-qafas tal-pjan pluriennali għal dak is-sajd li daħal fis-seħħ fis-16 ta' Lulju 2019, kull sena l-Kunsill għandu jistabbilixxi l-isforz tas-sajd massimu permissibbli għal kull grupp ta' sforz tas-sajd għal kull Stat Membru u għall-gruppi tal-istokkijiet fl-Anness I tal-pjan. Għall-2020, l-ewwel sena ta' implimentazzjoni tar-reġim tal-isforz tas-sajd skont il-pjan, dan tnaqqas b'10 % meta mqabbel mal-linja bażi (mill-1 ta' Jannar 2015 sal-31 ta' Diċembru 2017), ikkalkolat mill-Istat Membru u mill-grupp ta' sforz tas-sajd jew għal kull subżona ġeografika (GSA); għas-snin 2-5, il-pjan jistabbilixxi tnaqqis massimu ta' 30 %. Għall-2021, ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/90 jistabbilixxi tnaqqis ta' 7,5 %.

[Spazju riżervat dwar l-aħjar parir xjentifiku disponibbli]Jenħtieġ li t-tnaqqis għall-2022 jkun ta' pm %;

2. il-miżuri tal-GFCM applikabbli fil-Mediterran jinkludu:
il-miżuri adottati fil-laqgħa annwali tal-2018
 - 2.1. il-limiti tal-qabdiet u tal-isforz u perjodu magħluq għas-sajd tas-sallura fil-Baħar Mediterran kollu (GSAs 1 sa 27);
 - 2.2. il-limiti fuq in-numru ta' bastimenti li jistadu għall-gamblu aħmar kbir u għall-gamblu blu u aħmar fil-Baħar Jonju (GSAs 19 sa 21) u l-Baħar Levantin (GSAs 24 sa 27);
il-miżuri adottati fil-laqgħa annwali tal-2019
 - 2.3. il-limiti tal-isforz tas-sajd u l-kapaċità massima tal-flotta għall-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-Baħar Adrijatiku (GSAs 17 u 18);
 - 2.4. il-limiti ta' ħsad tas-sajd u l-limiti għan-numru ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd għall-qroll aħmar fil-Baħar Mediterran kollu (GSAs 1 sa 27);
 - 2.5. il-limiti għan-numru ta' bastimenti li jistadu għall-gamblu aħmar kbir u għall-gamblu blu u aħmar fil-Fliegu ta' Sqallija (GSAs 12 sa 16);
 - 2.6. il-limiti tal-qbid għall-paġella ħamra fil-Baħar Alboran (GSAs 1 sa 3);
 - 2.7. il-limiti għan-numru ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd għal-lampuki fil-Baħar Mediterran kollu (GSAs 1 sa 27);
3. il-miżuri tal-GFCM applikabbli fil-Baħar l-Iswed, jinkludu:
 - 3.1. kwota awtonoma għal-laċċa kaħla, ibbażata fuq parir xjentifiku;
 - 3.2. it-TAC u l-allokazzjoni tal-kwota għall-barbun imperjali skont il-pjan ta' ġestjoni pluriennali għas-sajd tal-barbun imperjali, li jimplementa r-Rakkomandazzjoni GFCM/43/2019/3 (GSA 29).

Ir-rakkomandazzjonijiet tal-GFCM huma implimentati fid-dritt tal-UE permezz tar-Regolament (UE) Nru 1343/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ u l-Kummissjoni adottat proposta² biex timplementa r-Rakkomandazzjonijiet adottati mill-GFCM fl-2018 u fl-

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1343/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar ċerti dispożizzjonijiet għas-sajd fiż-żona tal-Ftehim tal-GFCM (Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Baħar Mediterran) u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 dwar miżuri ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran (ĠU L 347, 30.12.2011, p.44).

² COM(2018) 143 final

2019. Il-miżuri marbutin mal-opportunitajiet tas-sajd mil-lat funzjonali, bħall-għeluq fiż-żmien riproduttiv, jenħtieġ li jkunu parti minn dan ir-Regolament, peress li mingħajr dawn il-perjodi magħluqa għas-sajd (bħal dak għall-barbun imperjali fil-Baħar l-Iswed) l-opportunitajiet tas-sajd ma setgħux jiġu stabbiliti fl-istess livell. Il-punt tal-perjodu magħluq għas-sajd jista' jvarja, jiddependi fuq l-istat tal-istokk kif ivvalutat mill-parir xjentifiku.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed għall-2022

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³ jeħtieġ li jiġu adottati miżuri ta' konservazzjoni li jqisu l-pariri xjentifiċi, tekniċi u ekonomiċi disponibbli, inkluż, meta rilevanti, ir-rapporti mfassla mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd, kif ukoll pariri mogħtija minn Kunsilli Konsultattivi stabbiliti għaż-żoni ġeografiċi jew l-oqsma ta' kompetenza u rakkomandazzjonijiet konġunti li jsiru mill-Istati Membri.
- (2) Hija r-responsabbiltà tal-Kunsill li jadotta miżuri dwar l-iffissar u l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd, li jinkludu ċerti kundizzjonijiet li huma marbutin magħhom mil-lat funzjonali, kif xieraq. L-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jipprevedi li l-opportunitajiet tas-sajd jenħtieġ li jiġu allokati lill-Istati Membri b'tali mod li jiżguraw stabbiltà relattiva tal-attivitajiet tas-sajd ta' kull Stat Membru għal kull stokk ta' ħut jew żona tas-sajd.
- (3) L-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jipprevedi li l-oġettiv tal-PKS huwa li, fejn possibbli, sal-2015 tinkiseb ir-rata ta' sfruttament tar-rendiment massimu sostenibbli ("MSY") u, b'mod progressiv u inkrementali, sa mhux aktar tard mill-2020 għall-istokkijiet kollha.
- (4) Għalhekk, jenħtieġ li l-qabdiet totali permissibbli ("TACs") jiġu stabbiliti, f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, abbażi tal-pariri xjentifiċi disponibbli, filwaqt li jitqiesu l-aspetti bijoloġiċi u soċjoekonomiċi u jiġi żgurat trattament ġust bejn is-setturi tas-sajd, kif ukoll fir-rigward tal-opinjoni tal-partijiet ikkonċernati espressi waqt il-konsultazzjoni.
- (5) L-Artikolu 16(4) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jipprevedi li għall-istokkijiet soġġetti għal pjanijiet pluriennali speċifiċi, l-opportunitajiet tas-sajd iridu jiġu stabbiliti f'konformità mar-regoli stabbiliti f'dawk il-pjanijiet.
- (6) Il-pjan pluriennali għas-sajd li jisfrutta l-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-Punent tal-Baħar Mediterran ġie stabbilit bir-Regolament (UE) 2019/1022 tal-Parlament

³ Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

Ewropew u tal-Kunsill⁴ u daħal fis-seħħ fis-16 ta' Lulju 2019 ("il-pjan"). Il-pjan għandu l-għan li jiżgura li l-isfruttament tar-riżorsi bijoloġiċi ħajjin tal-baħar jirkupra l-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet mistada u jżommhom 'il fuq mil-livelli li jistgħu jipproduċu l-MSY.

- (7) F'konformità mal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2019/1022, l-opportunitajiet tas-sajd għall-istokkijiet elenkati fl-Artikolu 1 ta' dak ir-Regolament jenħtieġ li jiġu ffissati b'mod li jiksbu mortalità mis-sajd fil-livell tar-Rendiment Massimu Sostenibbli fuq bażi progressiva u inkrementali sal-2020 fejn possibbli, u sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2025. Jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd jiġu espressi f'termini tal-isforz tas-sajd massimu permissibbli u li dawn jiġu ffissati f'konformità mar-reġim tal-isforz tas-sajd stabbilit fl-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2019/1022.
- (8) Għaldaqstant, jenħtieġ li għall-2022, l-isforz tas-sajd massimu permissibbli jitnaqqas b'*pm* % meta mqabbel mal-linja bażi, li għandu jitnaqqas mill-isforz tas-sajd massimu permissibbli stabbilit għall-2021 bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/90⁵.
- (9) Fit-42 laqgħa annwali tagħha li saret fl-2018, il-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran ("GFCM") adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/42/2018/1 li tistabbilixxi miżuri ta' ġestjoni għas-sallura (*Anguilla anguilla*) fil-Baħar Mediterran (fis-subżoni ġeografiċi minn 1 sa 27 tal-GFCM). Dawk il-miżuri jinkludu limiti ta' qbid jew ta' sforz u perjodu annwali magħluq għas-sajd ta' tliet xhur konsekuttivi li kull Stat Membru jrid jiddefinixxi f'konformità mal-oġġettivi ta' konservazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1100/2007⁶, mal-pjan jew il-pjanijiet nazzjonali ta' ġestjoni għas-sallura u max-xejriet temporali tal-migrazzjoni tas-sallura fl-Istat Membru. Fejn il-pjanijiet nazzjonali ta' ġestjoni li jirriżultaw fi tnaqqis ta' sforz jew ta' qbid ta' mill-inqas 30 % kienu fis-seħħ qabel id-dħul fis-seħħ ta' dik ir-Rakkomandazzjoni, jenħtieġ li l-limiti ta' qbid jew ta' sforz tas-sajd diġà stabbiliti u implimentati ma jinqabżux. F'konformità ma' dik ir-Rakkomandazzjoni, jenħtieġ li l-perjodu magħluq għas-sajd japplika għall-ibħra kollha tal-Mediterran u għall-ilmijiet salmastri bħall-estwarji, il-laguni kostali u l-ilmijiet ta' tranżizzjoni. Il-perjodu magħluq għas-sajd huwa marbut mal-opportunitajiet tas-sajd mil-lat funzjonali, peress, li mingħajru fis-seħħ, jenħtieġ li l-livelli tal-qabdiet jew tal-isforzi tas-sajd jitnaqqsu biex jiġi żgurat l-irkupru tal-istokk. Jenħtieġ li dawk il-miżuri jiġu implimentati fid-dritt tal-Unjoni.
- (10) [Spazju riżervat għal stokkijiet pelaġiċi żgħar fil-Baħar Adrijatiku.]
- (11) Fit-42 laqgħa annwali tagħha li saret fl-2018, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/42/2018/3 dwar pjan ta' ġestjoni pluriennali għas-sajd sostenibbli bix-xbieki tat-tkarkir li jimmira għall-gamblu aħmar kbir (*Aristaeomorpha foliacea*) u għall-gamblu blu u aħmar (*Aristeus antennatus*) fil-Baħar Levant (is-subżoni ġeografiċi 24, 25, 26 u 27 tal-GFCM), li introduċiet [l-iffriżar tal-isforz tas-sajd espress f'] numru massimu ta' bastimenti tas-sajd. Jenħtieġ li dawk il-miżuri jiġu implimentati fid-dritt tal-Unjoni.

⁴ Ir-Regolament (UE) 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi pjan pluriennali għas-sajd li jisfrutta l-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-Punent tal-Mediterran u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 508/2014 (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 1).

⁵ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/90 tat-28 ta' Jannar 2021 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Mediterran u fil-Baħar l-Iswed għall-2021 (ĠU L 31, 29.01.2021, p. 1-19).

⁶ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1100/2007 tat-18 ta' Settembru 2007 li jistabbilixxi miżuri għall-irkupru tal-istokk tas-sallura Ewropea (ĠU L 248, 22.9.2007, p. 17).

- (12) Fit-42 laqgħa annwali tagħha li saret fl-2018, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/42/2018/4 dwar pjan ta' ġestjoni pluriennali għas-sajd sostenibbli bix-xbieki tat-tkarkir li jimmira għall-gamblu aħmar kbir (*Aristaeomorpha foliacea*) u għall-gamblu blu u aħmar (*Aristeus antennatus*) fil-Baħar Jonju (is-subżoni ġeografiċi 19, 20 u 21 tal-GFCM), li introduċiet [l-iffriżar tal-isforz tas-sajd espress f'] numru massimu ta' bastimenti tas-sajd. Jenħtieġ li daww il-miżuri jiġu implimentati fid-dritt tal-Unjoni.
- (13) Fit-43 laqgħa annwali tagħha li saret fl-2019, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/43/2019/6 dwar miżuri ta' ġestjoni għas-sajd sostenibbli bix-xbieki tat-tkarkir li jimmira għall-gamblu aħmar kbir (*Aristaeomorpha foliacea*) u għall-gamblu blu u aħmar (*Aristeus antennatus*) fil-Fliegu ta' Sqallija (is-subżoni ġeografiċi 12, 13, 14, 15 u 16 tal-GFCM), li introduċiet [l-iffriżar tal-isforz tas-sajd espress f'] numru massimu ta' bastimenti tas-sajd. Jenħtieġ li daww il-miżuri jiġu implimentati fid-dritt tal-Unjoni.
- (14) Fit-43 laqgħa annwali tagħha li saret fl-2019, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/43/2019/5 dwar pjan ta' ġestjoni pluriennali għas-sajd sostenibbli għall-ħut tal-qiegħ fil-Baħar Adrijatiku (is-subżoni ġeografiċi 17 u 18 tal-GFCM), li introduċiet reġim ta' sforz tas-sajd u limitu massimu għall-kapaċità tal-flotta għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-qiegħ. Jenħtieġ li daww il-miżuri jiġu implimentati fid-dritt tal-Unjoni.
- (15) Filwaqt li jitqiesu l-partikularitajiet tal-flotta Slovena u l-impatt marġinali tagħhom fuq l-istokkijiet tal-ispeċijiet pelaġiċi ż-żgħar u fuq l-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ, huwa xieraq li jiġu ppreżervati x-xejriet tas-sajd eżistenti u li jiġi żgurat l-aċċess mill-flotta Slovena għal kwantità minima ta' speċijiet pelaġiċi żgħar u għal kwota minima tal-isforz tas-sajd għall-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ.
- (16) Fit-43 laqgħa annwali tagħha li saret fl-2019, il-GFCM adottat ukoll ir-Rakkomandazzjoni GFCM/43/2019/4 dwar pjan ta' ġestjoni għall-isfruttar sostenibbli tal-qroll aħmar (*Corallium rubrum*) fil-Baħar Mediterran (is-subżoni ġeografiċi minn 1 sa 27 tal-GFCM), li introduċiet l-iffriżar tal-isforz tas-sajd espress b'numru massimu ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd, u limiti tal-ħsad għall-qroll aħmar. Jenħtieġ li daww il-miżuri jiġu implimentati fid-dritt tal-Unjoni.
- (17) Fit-43 laqgħa annwali tagħha li saret fl-2019, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/43/2019/2 dwar pjan ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli tal-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*) fil-Baħar Alboran (is-subżoni ġeografiċi 1 sa 3 tal-GFCM), li introduċiet limitu ta' qabdiet u ta' sforz abbażi tal-livell medju awtorizzat u eżerċitat fuq il-perjodu 2010–2015. Jenħtieġ li daww il-miżuri jiġu implimentati fid-dritt tal-Unjoni.
- (18) Fit-43 laqgħa annwali tagħha li saret fl-2019, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/43/2019/1 dwar sett ta' miżuri ta' ġestjoni għall-użu ta' rkaptu ankrat biex jinġema' l-ħut fis-sajd għal-lampuki (*Coryphaena hippurus*) fil-Baħar Mediterran (is-subżoni ġeografiċi 1 sa 27 tal-GFCM), li introduċiet [l-iffriżar tal-isforz tas-sajd espress f'] numru massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-lampuki. Jenħtieġ li daww il-miżuri jiġu implimentati fid-dritt tal-Unjoni.
- (19) Fit-43 laqgħa annwali tagħha li saret fl-2019, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/43/2019/3 li temenda r-Rakkomandazzjoni GFCM/41/2017/4 dwar pjan ta' ġestjoni pluriennali għas-sajd għall-barbun imperjali fil-Baħar l-Iswed (is-subżona ġeografika 29 tal-GFCM). Dik ir-rakkomandazzjoni introduċiet il-Qabdiet Totali Permissibbli (TAC) reġjonali aġġornata u skema ta' allokkazzjoni tal-kwoti għall-barbun imperjali, kif ukoll miżuri ta' konservazzjoni ulterjuri, b'mod partikolari

perjodu ta' xahrejn magħluq għas-sajd u restrizzjoni fuq il-jiem tas-sajd ta' 180 jum fis-sena. Dawn il-miżuri addizzjonali huma marbuta mil-lat funzjonali mal-opportunitajiet tas-sajd, peress li mingħajr dawk il-miżuri fis-seħħ, jenħtieġ li l-livell tat-TAC jitnaqqas biex jiġi żgurat l-irkupru tiegħu. Jenħtieġ li dawk il-miżuri jiġu implimentati fid-dritt tal-Unjoni.

- (20) F'konformita' mal-parir xjentifiku mogħti mill-GFCM, jeħtieġ jinżamm il-livell attwali ta' mortalita' mis-sajd biex tkun żgurata s-sostenibbiltà tal-istokk tal-laċċa kaħla fil-Baħar l-Iswed. Għalhekk huwa xieraq li tkompli tiġi stabbilita kwota awtonoma għal dak l-istokk.
- (21) Jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd jiġu stabbiliti abbażi tal-parir xjentifiku disponibbli, filwaqt li jitqiesu l-aspetti bijoloġiċi u soċjoekonomiċi, u filwaqt li jiġi żgurat trattament ġust bejn is-setturi tas-sajd, kif ukoll fid-dawl tal-opinjoni jiet li jkunu ngħataw waqt il-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati.
- (22) L-użu tal-opportunitajiet tas-sajd disponibbli għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni stabbiliti f'dan ir-Regolament huwa soġġett għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009⁷, u b'mod partikolari l-Artikoli 33 u 34 ta' dak ir-Regolament, fir-rigward tar-reġistrazzjoni tal-qabdiet u tal-isforz tas-sajd u n-notifika tad-data dwar l-eżawriment tal-opportunitajiet tas-sajd. Għalhekk, jeħtieġ jiġu speċifikati l-kodiċijiet li l-Istati Membri jridu jużaw meta jibagħtu d-data lill-Kummissjoni fir-rigward tal-ħatt l-art tal-istokkijiet soġġetti għal dan ir-Regolament.
- (23) L-użu tal-opportunitajiet tas-sajd disponibbli għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni stabbiliti f'dan ir-Regolament huwa soġġett għar-Regolament (UE) Nru 1343/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸ li jimplementaw ċerti dispożizzjonijiet għas-sajd fil-GFCM.
- (24) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96⁹ introduċa kundizzjonijiet addizzjonali għall-ġestjoni tat-TACs minn sena għall-oħra li jinkludu dispożizzjonijiet dwar il-flessibbiltà għat-TACs prekawżjonarji u analitiċi skont l-Artikolu 3 u 4 tiegħu. Skont l-Artikolu 2 ta' dak ir-Regolament, meta jiġu ffissati t-TACs, il-Kunsill għandu jiddeċiedi liema huma l-istokkijiet li għalihom ma għandhomx japplikaw l-Artikoli 3 u 4 ta' dak ir-Regolament, b'mod partikolari abbażi tal-istat bijoloġiku tal-istokkijiet. Iktar reċentement, l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 daħħal il-mekkaniżmu tal-flessibbiltà ta' sena b'sena għall-istokkijiet kollha li huma soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art. Għalhekk, sabiex tiġi evitata flessibbiltà eċċessiva li ddgħajef il-prinċipju ta' sfruttament razzjonali u responsabbli tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar, li xxekkel il-kisba tal-oġġettivi tal-PKS u li twassal biex l-istatus bijoloġiku tal-istokkijiet jiddeterjora, jenħtieġ li jiġi stabbilit li l-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 japplikaw għat-TACs analitiċi biss meta ma tintużax il-flessibbiltà ta' sena b'sena prevista fl-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.
- (25) Biex tiġi evitata l-interruzzjoni tal-attivitajiet tas-sajd u biex jiġi żgurat l-ġhajxien tas-sajjieda tal-Unjoni, jenħtieġ li dan ir-Regolament jibda japplika mill-1 ta' Jannar 2022.

⁷ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 tas-6 ta' Mejju 1996 li jintroduċi kundizzjonijiet addizzjonali għal tmexxija minn sena għal sena tat-TAC u l-kwoti (ĠU L 115, 9.5.1996, p. 3).

⁸ Ir-Regolament (UE) Nru 1343/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar ċerti dispożizzjonijiet għas-sajd fiż-żona tal-Ftehim tal-GFCM (Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Baħar Mediterran) u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 dwar miżuri ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran (ĠU L 347, 30.12.2011, p.44).

⁹

Għal raġunijiet ta' urġenza, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ minnufih wara li jiġi ppubblikat.

- (26) Jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd jintużaw f'konformità sħiħa mad-dritt tal-Unjoni,
ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

TITOLU 1

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd disponibbli fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed għall-2022 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut.

Artikolu 2

Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament japplika għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jisfruttaw l-istokkijiet tal-ħut li ġejjin:
 - (a) is-sallura (*Anguilla anguilla*), il-qroll aħmar (*Corallium rubrum*) u l-lampuki (*Coryphaena hippurus*) fil-Baħar Mediterran, kif iddefinit fl-Artikolu 4(b);
 - (b) il-gamblu blu u aħmar (*Aristeus antennatus*), il-gamblu abjad (*Parapenaeus longirostris*), il-gamblu aħmar kbir (*Aristaeomorpha foliacea*), il-merluzz (*Merluccius merluccius*), l-iskampu (*Nephrops norvegicus*) u t-trilja tal-qawwi (*Mullus barbatus*) fil-Punent tal-Baħar Mediterran, kif iddefinit fl-Artikolu 4(c);
 - (c) l-inċova (*Engraulis encrasicolus*) u s-sardina (*Sardina pilchardus*) fil-Baħar Adrijatiku, kif iddefinit fl-Artikolu 4(d);
 - (d) il-merluzz (*Merluccius merluccius*), l-iskampu (*Nephrops norvegicus*), il-lingwata komuni (*Solea solea*), il-gamblu abjad (*Parapenaeus longirostris*), u t-trilja tal-qawwi (*Mullus barbatus*) fil-Baħar Adrijatiku, kif iddefinit fl-Artikolu 4(d);
 - (e) il-gamblu aħmar kbir (*Aristaeomorpha foliacea*) u l-gamblu blu u aħmar (*Aristeus antennatus*) fil-Fliegu ta' Sqallija kif iddefinit fl-Artikolu 4(e), fil-Baħar Jonju kif iddefinit fl-Artikolu 4(f) u fil-Baħar Levant kif iddefinit fl-Artikolu 4(g);
 - (f) il-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*) fil-Baħar Alboran, kif iddefinit fl-Artikolu 4(h);
 - (g) il-laċċa kaħla (*Sprattus sprattus*) u l-barbun imperjali (*Scophthalmus maximus*) fil-Baħar l-Iswed, kif iddefinit fl-Artikolu 4(i).
2. Dan ir-Regolament japplika wkoll għas-sajd rikreattiv meta dan jissemma b'mod espliċitu fid-dispożizzjonijiet rilevanti.

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Barra minn hekk, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (a) “ilmijiet internazzjonali” tfisser ilmijiet li ma jaqgħu taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni tal-ebda Stat;
- (a) “sajd rikreattiv” tfisser attivitajiet tas-sajd mhux kummerċjali li jisfruttaw ir-riżorsi akkwatiċi ħajjin tal-baħar għar-rikreazzjoni, għat-turiżmu jew għall-isport;
- (b) “qabdiet totali permissibbli” (TAC) tfisser:
 - (i) fis-sajd soġġett għall-eżenzjoni mill-obbligu ta’ ħatt l-art imsemmija fl-Artikolu 15(4) sa (7) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, il-kwantità ta’ ħut li tista’ tinħatt l-art minn kull stokk kull sena;
 - (ii) fis-sajd l-ieħor kollu, il-kwantità ta’ ħut li jista’ jinqabad minn kull stokk fuq perjodu ta’ sena;
- (c) “kwota” tfisser proporzjon mit-TAC allokata lill-Unjoni jew lil Stat Membru;
- (d) “kwota awtonoma tal-Unjoni” tfisser limitu fuq il-qbid allokat b’mod awtonomu lill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni meta ma jkunx hemm qbil dwar TAC;
- (e) “kwota analitika” tfisser kwota awtonoma tal-Unjoni li għaliha tkun disponibbli valutazzjoni analitika;
- (f) “valutazzjoni analitika” tfisser evalwazzjoni kwantitattiva tax-xejriet fi stokk partikolari, ibbażata fuq *data* dwar il-bijoloġija u l-isfruttament tal-istokk, li r-rieżami xjentifiku jkun indika li hija ta’ kwalità tajba biżżejjed biex abbażi tagħha jingħataw pariri xjentifiċi dwar l-għażliet għall-qabdiet fil-ġejjieni.
- (g) “irkaptu biex jinġema’ l-ħut” jew “FAD” tfisser kull tagħmir ankrat li jżomm fil-wiċċ tal-baħar bl-iskop li jattira l-ħut”.

Artikolu 4 **Żoni tas-sajd**

Għall-finijiet ta’ dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet taż-żoni li ġejjin:

- (a) “Is-subżoni ġeografiċi tal-GFCM” tfisser iż-żoni ddefiniti fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1343/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁰;
- (b) “Il-Baħar Mediterran” tfisser l-ilmijiet tas-subżoni ġeografiċi 1 sa 27 tal-GFCM, kif iddefiniti fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1343/2011;
- (c) “il-Punent tal-Baħar Mediterran” tfisser l-ilmijiet tas-subżoni ġeografiċi 1, 2, 5, 6, 7, 8, 9, 10 u 11 tal-GFCM, kif iddefiniti fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1343/2011;
- (d) “il-Baħar Adrijatiku” tfisser l-ilmijiet tas-subżoni ġeografiċi 17 u 18 tal-GFCM, kif iddefiniti fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1343/2011;
- (e) “il-Fliegu ta’ Sqallija” tfisser l-ilmijiet tas-subżoni ġeografiċi 12, 13, 14, 15 u 16, tal-GFCM, kif iddefiniti fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1343/2011;
- (f) “il-Baħar Jonju” tfisser l-ilmijiet tas-subżoni ġeografiċi 19, 20 u 21 tal-GFCM, kif iddefiniti fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1343/2011;

¹⁰ Ir-Regolament (UE) Nru 1343/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta’ Diċembru 2011 dwar ċerti dispożizzjonijiet għas-sajd fiż-żona tal-Ftehim tal-GFCM (Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Baħar Mediterran) u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 dwar miżuri ta’ ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli ta’ riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran (ĠU L 347, 30.12.2011, p.44).

- (g) “il-Baħar Levant” tfisser l-ilmijiet tas-subżoni ġeografiċi 24, 25, 26 u 27 tal-GFCM, kif iddefiniti fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1343/2011;
- (h) “il-Baħar Alboran” tfisser l-ilmijiet tas-subżoni ġeografiċi 1 sa 3 tal-GFCM, kif iddefiniti fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1343/2011;
- (i) “il-Baħar l-Iswed” tfisser l-ilmijiet tas-subżona ġeografika 29 tal-GFCM, kif iddefinita fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1343/2011.

TITOLU II

OPPORTUNITAJIET TAS-SAJD

KAPITOLU I

Il-Baħar Mediterran

Artikolu 5

Sallura

1. Dan l-Artikolu japplika għall-attivitajiet kollha mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u għal attivitajiet oħra tas-sajd tal-Unjoni li jaqbd u s-sallura (*Anguilla anguilla*), jiġifieri sajd immirat, iċċidentali u rikreattiv, fl-ilmijiet kollha tal-Baħar Mediterran, inklużi l-ilmijiet ħelwin u salmastri ta' tranżizzjoni, bħal laguni u estwarji.
2. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom ikunu pprojbiti milli jistadu għas-sallura fl-ilmijiet tal-Unjoni u fl-ilmijiet internazzjonali tal-Baħar Mediterran għal perjodu ta' tliet xhur konsekuttivi li jridu jiġu determinati minn kull Stat Membru. Il-perjodu magħluq għas-sajd għandu jkun konsistenti mal-oġġettivi ta' konservazzjoni stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1100/2007, mal-pjanijiet nazzjonali ta' ġestjoni li jkun fis-seħħ u max-xejriet temporali tal-migrazzjoni tas-sallura fl-Istati Membri kkonċernati. L-Istati Membri għandhom javżaw lill-Kummissjoni bil-perjodu stabbilit sa mhux aktar tard minn xahar qabel ma jidħol fis-seħħ il-perjodu magħluq għas-sajd u, fi kwalunkwe każ, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Jannar 2022.
3. L-Istati Membri ma għandhomx jaqbz u l-livell massimu ta' qabdi jew ta' sforz tas-sajd tas-sallura stabbiliti u implimentati permezz tal-pjanijiet ta' ġestjoni nazzjonali tagħhom, adottati f'konformità mal-Artikoli 2 u 4 tar-Regolament 1100/2007.

Artikolu 6

Qroll aħmar

1. Dan l-Artikolu japplika għall-attivitajiet kollha mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u għal attivitajiet oħra tas-sajd tal-Unjoni għall-ħsad tal-qroll aħmar (*Corallium rubrum*), jiġifieri sajd immirat u rikreattiv fil-Baħar Mediterran.
2. Għas-sajd immirat, in-numru massimu ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd u l-kwantitajiet massimi ta' stokkijiet tal-qroll aħmar maħsuda mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u l-attivitajiet ta' ħsad tal-Unjoni ma għandhomx jaqbz u l-livelli stabbiliti fl-Anness I.
3. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li huma soġġetti għall-paragrafu 2 għandhom ikunu pprojbiti milli jittrasbordaw qroll aħmar fuq il-baħar.
4. Għas-sajd rikreattiv, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jipprojbixxu l-qabda u ż-żamma abbord, it-trasbord jew il-ħatt l-art tal-qroll aħmar.

Artikolu 7

Lampuki

1. Dan l-Artikolu japplika għall-attivitajiet kummerċjali kollha minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u għal attivitajiet oħra tas-sajd tal-Unjoni li jużaw irkaptu biex jinġema' l-ħut għall-qbid tal-lampuki (*Coryphaena hippurus*), fl-ilmijiet internazzjonali tal-Baħar Mediterran.

2. In-numru massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni awtorizzati jistadu għal-lampuki huwa stabbilit fl-Anness II

KAPITOLU II

Il-Punent tal-Baħar Mediterran

Artikolu 8

Stokkijiet tal-ħut tal-qiegħ

1. Dan l-Artikolu japplika għall-attivitajiet kollha mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u għal attivitajiet oħra tas-sajd tal-Unjoni għall-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ imsemmija fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) 2019/1022, fil-Punent tal-Baħar Mediterran.
2. L-isforz tas-sajd massimu permissibbli huwa stabbilit fl-Anness III għal dan ir-Regolament. L-Istati Membri għandhom jimmaniġġjaw l-isforz tas-sajd massimu permissibbli f'konformità mal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2019/1022.

Artikolu 9

Trażmissjoni tad-data

L-Istati Membri għandhom jirreġistraw id-data dwar l-isforz tas-sajd u jibagħtuha lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2019/1022.

Meta tiġi sottomessa d-data dwar l-isforz tas-sajd lill-Kummissjoni f'konformità ma' dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom jużaw il-kodiċijiet tal-gruppi tal-isforz tas-sajd stabbiliti fl-Anness III.

KAPITOLU III

Il-Baħar Adrijatiku

Artikolu 10

/Spazju riżervat għal stokkijiet pelaġiċi żgħar/

Artikolu 11

Stokkijiet tal-ħut tal-qiegħ

1. Dan l-Artikolu japplika għall-attivitajiet kollha minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u għal attivitajiet oħra tas-sajd tal-Unjoni li jaqdbu l-merluzz (*Merluccius merluccius*), l-iskampu (*Nephrops norvegicus*), il-lingwata komuni (*Solea solea*), il-gamblu abjad (*Parapenaeus longirostris*) u t-trilja tal-ħama (*Mullus barbatus*) fil-Baħar Adrijatiku.
2. L-isforz tas-sajd massimu permissibbli għall-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ u l-kapaċità massima tal-flotta fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Artikolu huma stabbiliti fl-Anness IV.
3. L-Istati Membri għandhom jimmaniġġjaw l-isforz massimu permissibbli f'konformità mal-Artikoli 26 sa 35 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

Artikolu 12

Trażmissjoni tad-data

Meta l-Istati Membri jissottomettu lill-Kummissjoni d-data marbuta mal-ħatt l-art tal-kwantitajiet tal-istokkijiet li jkunu qabdu skont l-Artikoli 33 u 34 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, huma għandhom jużaw il-kodiċijiet tal-istokkijiet stabbiliti fl-Anness IV.

KAPITOLU IV

Il-Baħar Jonju, il-Baħar Levant u l-Fliegu ta' Sqallija

Artikolu 13

1. Dan l-Artikolu japplika għall-attivitajiet kollha mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u għal attivitajiet oħra tas-sajd tal-Unjoni li jaqbd u l-gamblu aħmar kbir (*Aristaeomorpha foliacea*) u l-gamblu blu u aħmar (*Aristeus antennatus*), fil-Baħar Jonju, fil-Baħar Levant u fil-Fliegu ta' Sqallija.
2. In-numru massimu ta' bastimenti tat-tkarkir tal-qiegħ awtorizzati jistadu għall-istokkijiet ta' ħut tal-qiegħ huwa stabbilit fl-Anness V.

KAPITOLU V

Il-Baħar Alboran

Artikolu 14

1. Dan l-Artikolu japplika għas-sajd kummerċjali bil-konz u bix-xlief minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jaqbd u l-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*) fil-Baħar Alboran.
2. Il-livell massimu ta' qabdiet ma għandux jaqbeż il-livelli stabbiliti fl-Anness VI.

KAPITOLU VI

Il-Baħar l-Iswed

Artikolu 15

Allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd għal-laċċa kaħla

1. Dan l-Artikolu japplika għall-attivitajiet kollha mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u għal attivitajiet oħra tas-sajd tal-Unjoni li jaqbd u l-laċċa kaħla (*Sprattus sprattus*) fil-Baħar l-Iswed.
2. Il-kwota awtonoma tal-Unjoni għal-laċċa kaħla, l-allokazzjoni tat-tali kwota fost l-Istati Membri u l-kundizzjonijiet marbutin magħhom mil-lat funzjonali, meta dan ikun xieraq, huma stabbiliti fl-Anness VII.

Artikolu 16

Allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd għall-barbun imperjali

1. Dan l-Artikolu japplika għall-attivitajiet kollha mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u għal attivitajiet oħra tas-sajd tal-Unjoni li jaqdbu l-barbun imperjali (*Scophthalmus maximus*) fil-Baħar l-Iswed.
2. It-TAC għall-barbun imperjali applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni li jinsabu fil-Baħar l-Iswed u l-allokazzjoni tat-tali TAC fost l-Istati Membri, kif ukoll il-kundizzjonijiet marbutin magħhom mil-lat funzjonali, meta dan ikun xieraq, huma stabbiliti fl-Anness VII.

Artikolu 17

Ġestjoni tal-isforz tas-sajd għall-barbun imperjali

Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li huma awtorizzati jistadu għall-barbun imperjali fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 16 ma għandhomx jaqdbu l-180 jum ta' sajd fis-sena, irrispettivament mit-tul totali tagħhom.

Artikolu 18

Perjodu magħluq għas-sajd għall-barbun imperjali

Mill-15 ta' April sal-15 ta' Ġunju, il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom ikunu pprojbiti milli jwettqu kull attività tas-sajd, inkluż it-trasbord, iż-żamma abbord, il-ħatt l-art u l-ewwel bejgħ tal-barbun imperjali, fl-ilmijiet tal-Unjoni li jinsabu fil-Baħar l-Iswed.

Artikolu 19

Dispożizzjonijiet speċjali dwar l-allokazzjonijiet tal-opportunitajiet tas-sajd fil-Baħar l-Iswed

1. L-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri kif stabbilit fl-Artikoli 15 u 16 ta' dan ir-Regolament għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-affarijiet li ġejjin:
 - (a) għall-iskambji li jsiru skont l-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;
 - (b) għat-tnaqqis u għar-riallokazzjonijiet li jsiru skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009; u
 - (c) għat-tnaqqis li jsir skont l-Artikoli 105 u 107 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.
2. L-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandhomx japplikaw meta Stat Membru juża l-flessibbiltà ta' sena b'sena prevista fl-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

Artikolu 20

Trażmissjoni tad-data

Meta l-Istati Membri jissottomettu d-data lill-Kummissjoni marbuta mal-ħatt l-art tal-kwantitajiet tal-istokkijiet tal-laċċa kaħla u tal-barbun imperjali li jkunu qabdu fl-ilmijiet tal-Unjoni li jinsabu fil-Baħar l-Iswed skont l-Artikoli 33 u 34 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, huma għandhom jużaw il-kodiċijiet tal-istokkijiet stabbiliti fl-Anness VII.

TITOLU III

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 21 **Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2022.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President